MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 259/2008

**Avukat Dottor Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Sony Ericsson Mobile Communications AB.**

**vs.**

**Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Luisa Tufignio nominati b'digriet ta' l-4 ta' April 2008 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici YIWU CHINA SMALL COMMODITIES CITY TRADING CO LIMITED u lill-kunsinjatarju SARL BMF TRADING.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti l-Avukat Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Sony Ericsson

Mobile Communications AB datat 17 ta’ Marzu 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs*, ma l-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta’ l-Unjoni Ewropea: (a) s-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-27 ta’ Marzu 2002 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni E2634632 (Dok SEMC1); (b) l-kelma ‘ERICSSON’ liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta’ Jannar 2000 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 001459130 (Dok SEMC2) mis-socjeta` estera Telefonaktiebolaget L M Ericsson u li awtorizzat lis-socjeta’ attrici Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni tad-dritt ta’ proprjeta intellettwali skond l-affidavit datat 14 ta’ Novembru 2006 (Dok SEMC3);

Illi fl-ghoxrin (20) ta’ Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru TGHU 3616511 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM LYS liema *container* kien fih total ta’ tmient elef u tliet mitt (8,300) accessorju tal-*mobiles* senjatament elfejn u hames mitt (2,500) *pockets*, elf (1,000) *chargers* u erbat elef u tmien mitt (4,800) *covers* (Dok SEMC4) kollha bis-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ u bil-kelma ‘ERICSSON’ anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intellettwali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-accessorji tal-*mobile* inkluz l-ippakkeggjar ta’ l-istess accessorji hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontrafazzjonijiet ghar-raguni li fihom is-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ u l-kelma ‘ERICSSON’ u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB, u ghalhekk

jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` ntelletwali ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB;

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Dok. "SEMC5") sabiex *a tenur* ta' l**-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija nqabdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa SARL BMF TRADING minn Algiers f'Algeria u dan skond dak citat fil-polza ta' taghbija numru GZ2198051 (Dok. "SEMC 6");

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll ta' l-**artikolu 10 (2) (b) ta' l-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap 416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-**artikoli 14-19 tal-istess Kap 416 u l-artikoli 7 u 8 ta' l-istess Kap 414**;

Illi s-socjeta rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'accessorji tal-*mobile* li fuqhom u fuq l-ippakkeggjar hemm s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u l-kelma 'ERICSSON' u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru TGHU 3616511 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' moghti n-numru ta' registrazzjoni E2634632 (Dok SEMC 1); u l-kelma ERICSSON liema dritt gie

registrat l-ewwel darba fit-13 ta’ Jannar 2000 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 001459130 (Dok SEMC 2), u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-*mobile* ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile*, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta’ l-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjeta rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta’ l-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta’ distruzzjoni nkluz l-ispejjez kollha nkorsi ghad-distruzzjoni finali ta’ l-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti *nomine* Dr. Peter Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Sony Ericsson Mobile Communications AB a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3) u sitt (6) dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok. “SEMC 1” sa Dok. “SEMC 6” kif jidhru a fol. 6 sa fol. 19 tal-process.

Rat ir-rikors tal-Avukat Dr. Peter Fenech *nomine* datat 17 ta’ Marzu 2008 a fol. 23 tal-process fejn is-socjeta’ rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ intimata fl-atti tar-rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta`. Il-Qorti kif hekk presjeduta rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-

Marixxalli u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija nnominat lill-Avukat Dr. Patrick Valentino u lill-Prokuratur Legali Luisa Tufignio bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan bid-digriet moghti fl-4 ta' April 2008 kif jidher a fol. 24 tal-process.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tas-27 ta' Mejju 2008 b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati l-Avukat Patrick Valentino u P.L. Louisa Tufignio pprezentata fid-30 ta' April 2008 a fol. 30 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 31 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrenti Dr. Peter Fenech *nomine* datata 14 ta' Mejju 2008 a fol. 23 tal-process, li biha esebixxa l-affidavit tieghu u l-affidavit ta' l-Ufficjal tad-Dwana George Agius, flimkien ma dokument iehor immarkat bhala Dok. "SEMC 9" li huwa kopja tar-rapport.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta' Mejju 2008 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Rita Mifsud ghall-attur li ddikjarat li l-provi huma maghluqin u m'ghandhiex provi izjed. Dr. Patrick Valentino msejjah diversi drabi ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta' attrici hija detentrici u proprjetarja tas-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u fil-waqt li ghandha d-dritt sabiex tagixxi ghall-protezzjoni tal-kelma 'ERICSSON' kollox kif indikat fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat u d-Dok. "SEMC 1" sa Dok. "SEMC 3".

Illi jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru TGHU 3616511 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM LYS liema *container* kien fih total ta' tmint elef u tliet mitt (8,300) accessorju tal-*mobiles* senjatament elfejn u hames mitt (2,500) *pockets*, elf (1,000) *chargers* u erbat elef u tmien mitt (4,800) *covers* (Dok SEMC4) kollha bis-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u bil-kelma 'ERICSSON' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*, u dan peress li *prima facie* deher li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali u dan ikkonfermat mix-xhieda ta' George Agius; b'dan giet informata s-socjeta' attrici li fil-fatt mill-ezamijiet li ghamlet irrizultalha li tali merkanzija kienet fil-fatt kontrafatta kif jidher mir-rapport esebit bhala Dok. "SEMC 9" . Dan jinsab ukoll ikkonfermat mill-affidavit ta' l-attur nomine (Dok. "SEMC 7"); u jirrizulta wkoll li l-kunsinatarju tal-istess merkanzija hija l-entita' intimata SARL BMF TRADING  u ghalhekk jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati, lanqas huma biss opposti, u t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' l-istess, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'accessorji tal-*mobile* li fuqhom u fuq l-ippakkeggjar hemm is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u l-kelma 'ERICSSON' u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru TGHU 3616511 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile* kif fuq deskritti, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` ntellettwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' moghti n-numru ta' registrazzjoni E2634632 (Dok SEMC1); u l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok SEMC2).

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile* mertu tal-kawza odjerna, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati;

3. Tordna li l-intimati jhallsu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjeta` rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni nkluz l-ispejjez kollha nkorsi ghad-distruzzjoni finali ta' l-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra ntimati b'dan li d-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------